**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 11/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jacqueline Zerafa**

Illum, 13 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata, Jacqueline Zerafa, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0218782(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli bejn Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) u Awwissu tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023) f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. Iffalsifikat ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oġġetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b xi' att pubbliku tal-Gvern;
2. U aktar talli xjentament għamlet użu minn waħda mill-karti msemmijin;
3. U aktar talli għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħolqot pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi

wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament għamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza;
5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha innifsha jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentament għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz;
6. U aktar talli b'meżżi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta, kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor ta' krediti immaġinarji , sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet oħra;
7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamlet qligħ ieħor b'qerq ta'aktar minn ħamest elef euro (€5,000);
8. U aktar talli kellha fil-pussess jew kellha taħt il-kontroll tagħha xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Diċembru 2023, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet numru (1), (3) u (7) peress illi dawn ingħataw bħala akkuzi alternattivi għall-imputazzjonijiet numru (2), (4) u (6) u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 167, 169, 183, 184, 188(1)(2), 308, 309, 310(1)(a) u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet u ddikjarat lill-imputata ħatja, fuq ammissjoni tagħha stess, ta' l-akkuzi kif miġjuba kontra tagħha bin-numri (2), (4), (5), (6) u (8) u minflok piena illiberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mid-data tas-sentenza u dana ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fil-5 ta' Jannar 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi: –

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet bin-numru (2), (4), (5), (6) u (8);
2. Tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi zmien tlett snin u minflok tinfliġġi piena idoneja għall-akkużi kollha skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-Avukat Ġenerali jressaq zewġ aggravji, liema aggravji t-tnejn li huma jirrigwardaw il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn essenzjalment jilmenta illi din ma kenitx waħda kontemplata fil-liġi.

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali, jirriżulta li fl-ewwel seduta skedata quddiem l-Ewwel Qorti fil-vesti tagħha ta' qorti tal-kumpilazzjoni, u ċioe' nhar is-6 ta' Diċembru 2023, nqraw l-akkużi u sar l-eżami tal-imputata fejn din wieġbet mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kollha lilha addebitati. Wara dan il-Prosekuzzjoni eżebit xi dokumenti u iddikjarat illi l-imputazzjoni numru 7, ingħatat bħala waħda alternattiva għall-imputazzjoni numru 6, u l-imputazzjonijiet bin-numri 4 u 2, ngħataw bħala imputazzjonijiet alternattivi rispettivament għall-imputazzjonijiet numri 3 u 1. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni l-imputata, debitament assistita, rreġistrat ammissjoni limitatament fir-rigward l-imputazzjonijiet numru 2, 4, 5, 6 u 8 dedotti fil-konfront tagħha, b'din l-ammissjoni tkun affermata mill-ġdid wara li l-Ewwel Qorti wissietha bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u wara li ngħata żmien għal ripensament.

Illi, *in oltre*, mid-dokumentazzjoni eżebita mid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali jirriżulta li l-ammont ta' benefiċċji soċjali pperċepiti indebitament mill-appellata u li kienu jammontaw għal €17,102.45, kienu minnha mħallsa qabel l-ewwel appuntament tal-kawża.

Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravju mqanqal mill-appellant Avukat Ġenerali, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-proċeduri li tmexxew quddiem l-Ewwel Qorti huma għal kollox irritwali. Illi, l-funzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienet waħda

ta' istruzzjoni, fejn huwa allura l-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali li jirregola l-proċedura li għandha tkun segwita meta l-imputat jagħżel li jirreġistra ammissjoni, jew mal-mument li jsir l-eżami bla ġurament fit-termini ta'l-artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, jew fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri għar-reat li bih ikun akkużat, meta imbagħad l-Qorti kumpilatorji tikkonverti ruħha f'waħda ta' ġudikatura kriminali u tista' tgħaddi għas-sentenza. Issa minn eżami tal-atti ma jidhirx illi l-imputata, illum appellata, irreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha lilha addebitati, tant illi meta sarilha l-eżami mingħajr ġurament fit-termini ta'l-artikolu 392 tal-Kodici Kriminali hija wieġbet li ma kenitx ħatja ta' dawn l-akkużi.

Jikkonsegwi għalhekk illi ġaldarba ma kenitx reġistrata ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha mill-appellata, allura imputata, l-Ewwel Qorti kellha tipproċedi bil-kumpilazzjoni fuq l-imputazzjonijiet rimanenti u li ma kenux ġew ammessi. Illi di piu' f'dan l-istadju l-Prosekuzzjoni ma setatx tiddikjara akkużi alternattivi għall-akkużi oħra, u jekk dehrilha illi xi mputazzjonijiet ma kenux ser jirriżultaw mill-kumpilazzjoni tal-provi, allura messha irtirathom u kien ikun f'dan ix-xenarju illi l-Qorti Istruttorja kien ikollha is-setgħa li tgħaddi għas-sentenza. Jew inkella, alternattivament, kellu jkun osservat dak maħsub fl-artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali, jingħata id-digriet hekk imsejjaħ tal-*prima facie*, bl-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali li f'idejh imbagħad titħalla s-setgħa kif ser jipproċedi, bil-possibbilita' allura li tintbagħat minnu n-nota ta' rinviju għal ġudizzju fejn dawk ir-reati li ma ġewx ammessi ma jkunux minnu ndikati fl-imsemmija nota, bil-Qorti tal-Maġistrati ikollha s-setgħa tgħaddi għas-sentenza fil-kompetenza tagħha ta' Ġudikatura Kriminali wara li n-nota tinqara u l-imputat jagħti il-kunsens tiegħu biex il-każ jiġi trattat u deċiż minn dik il-Qorti.

Kien hekk deċiż:

> **7. L-effett legali ta' dik l-ammissjoni jġib miegħu is-sejbien ta' ħtija tal-imputat għal dawk ir-reati kollha li jkun ammetta għalihom inkondizzjonatament. F'każ fejn ma jkunx ammetta għall-imputazzjonijiet**

> **b'mod inkondizzjonat, il-Qorti tipproċedi biex tkompli għaddejja bis-smiegħ tal-kawża fir-rigward tar-reati jew addebiti kontestati.[1].**

Illi f'dan ix-xenarju probatorju din il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li tissolleva din in-nullita' proċedurali *ex officio*, u għalhekk tiddikjara l-proċeduri bħala irriti u nulli minħabba karenza ta' osservanza ta' regoli proċedurali essenzjali, bl-Ewwel Qorti kellha tkompli bil-kumpilazzjoni tal-provi ġaldarba ma kienx hemm ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha mill-imputata. Jingħad finalment illi l-Prosekuzzjoni malament iddikjarat l-akkużi tal-falsifikazzjoni bħala alternattivi għal dawk tal-użu tad-dokument iffalsifikat, billi dawn huma reati separati u distinti fejn tista' tirriżulta l-ħtija għat-tnejn li huma, għalkemm jista' jkun hemm il-konnessjoni bejniethom fejn il-wieħed iservi bħala mezz ai fini tar-reat l-ieħor, bil-Qorti allura lanqas tista' tiddikjarahom bħala akkużi alternattivi għal xulxin u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom billi f'dan l-istadju ta'l-istruttorja ma għandhiex is-setgħa tagħmel dan.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara li seħħ difett proċedurali quddiem l-Ewwel Qorti. Tiddikjara kemm l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll is-sentenza appellata nulli u bla effett fil-liġi. Għaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tal-Avukat Ġenerali. Tordna li l-atti jkunu rimandati lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex il-kumpilazzjoni tissokta skond il-liġi u dan mill-mument tal-qari u konferma bil-ġurament tal-imputazzjonijiet mill-Uffiċjali Prosekuturi.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

---

[1] App.Inf. Il-Pulizija vs Anabelle Camilleri 15/09/2022 Rks. Nru.266/2019